*Għax kull kittieb għandu stil għalih innifsu u dak l-istil hu l-espressjoni ta' bosta xejriet u tqanqiliet u ġibdiet moħbija fil-qalb u fir-ruħ ta' min jikteb. Meta Buffon, il-magħruf kittieb Franċiż, kiteb li* "le style est l'homme méme", *ma satax joħroġ b'ħaġa aktar qrib lejn is-sewwa, għax l-istil tal-kitba qisu għelm tal-kittieb. Issa, bħalma l-bniedem, bil-kelma t-tajba, tista' ġġagħlu jbiddel jew jinfatam minn xi ġibdiet mhux xierqa f'għemilu, hekk ukoll b'kelma liċżma u fejjieda, tista' tħajru jsewwi l-istil tiegħu, jonġru u jorqmu ħalli jgħollih, jerfgħu u jgħaddih għall-aħjar.*

*Iżda biex iseħħ dan li għedna, jinħtieġu żewġ ħwejjeġ: l-ewwelnett jinħtieġ li l-kittieb ma jitnaffarx u ma jiżżarġanx, iżda jumilja xi ftit ruħu u jogqħod għal parir tajjeb li jagħtuh ħbieb jew mgħallmin tas-sengħa letterarja. Jekk wieħed flok ma jilqa' bit-tajjeb kelma għall-ġid, jagħdab jew jieħu għalih, juri li ma jridx jiftaħ moħħu u għalhekk ix-xogħol tiegħu jibqa' mdardar u staġnat qisu ilma qiegħed f'għadira.*

*It-tieninett jinħtieġ li dawk li jmorru għal-laqgħat akkademiċi ma jmorrux biss bil-fehma li jmaqdru jew li jsibu x-xagħra fil-għaġina; huma jridu jkollhom rieda tajba u qalb ħanina, għandhom jagħdru xi nuqqasijiet u jagħalqu għajnejhom għal xi żball żgħir jew xi ntietef ħfief, għandhom jiftakru li biex wieħed jikteb xi ħaġa jrid jaħli żmien u ħsieb mhux ftit u għal daqshekk ħaqqu min ifaħħru jew għallinqas ħaqqu min jafhulu għax-xogħol li joħroġ. Min-naħa l-oħra dawk li jieħdu sehem f'akkademji letterarji ma għandhomx jinfexxu f'ċapċip u f'tifħir bla raj u hekk lill-awtur jimlewlu rasu li hu jiswa aktar milli tassew ħaqqu.*

*Il-kritika trid tkun tal-ħaqq bla ma twaġġa' l-qalb bit-tmaqdir iebes u bla ma tieħu r-ras bit-tifħir fieragħ.*

*Jekk iżommu f'rashom dan li għedna, dawk li jmorru għall-akkademji letterarji mhux biss igħaddu sagħtejn ta' hena u ta' fejda, iżda jkunu qegħdin igħinu biex jagħmlu l-ħila lil bosta kittieba li ħafna minnhom jieħdu l-ewwel xeira u jitħajru jippubblikaw l-opri tagħhom, wara li jmorru għal-laqgħat akkademiċi li jekk isiru kif imisshom isiru, jisfgħu ta' ġid kbir lil-letteratura nazzjonali.*



## IL-GĦANJA TA' ĊIKKULATA U ĊIKKULATU

*Ta'* DUN KARM

Ċikkulata u Ċikkulatu
Huma żewġt itfal ħelwin;
In-nies kollha tgħallmet tħobbhom,
Għalavolja ftit smajrin.

Ommhom, mara tbigħ il-għaqal,
Taħseb fihom lejl u nhar,
U biex tiġbed l-għajnejn fuqhom
Tlibbishomlok mill-aħjar.

Daqqa deh'b u daqqa fidda,
Skond ma tara kif imur,
Għax hi taf li n-nies tad-dinja
Għat-tlellix toħla w-iddur.

U taf x'tagħżel mill-qawsalla,
Taf xi tħallat mill-ilwien,
Sabiex Ċikkulata w Ċikkulatu jidhlu kullimkien.

Jekk xi ġuvni u xebba jtejġu
U fid-dar hemm ferħ u sliem,
Ċikkulatu u Ċikkulata
Hemm jintasbu minn quddiem.

Għadda ż-żmien u twieled "baby"
Helu sbejjaħ donnu fjur?!
Ċikkulata u Ċikkulatu
Mal-mistiedna ssibhom żgur.

Ċikkulata u Ċikkulatu
Jekk xi wieħed sar qassis,
Jekk xi tfajjel għalaq sninu,
Jekk il-Festa tal-Qaddis:

U kulħadd jitbewwes magħhom,
U xi gidma jieħdu wkoll,
Għaliex fommhom ħelu għasel,
U bewsithom kull qalb tħoll.

Ma naħsebx li hawn tfal oħra
Maħbubin bħal dawn it-tnejn:
Ċikkulata u Ċikkulatu
Kullimkien fuq wiċċ l-idejn.

NOTA. — Din il-Għanja hi Ċajta moħtara lil "Ġorġ Tayar", fi żmien il-Blitzes, meta konna niltaqgħu fix-xelter, Ħaż-Żebbuġ, 1943.